# Linji gwida dwar il-mudell tal-MtQ dwar konsultazzjoni, kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni relatati mas-superviżjoni ta' entitajiet tal-AIFMD

28.11.13 | ESMA/2013/998

# Linji gwida dwar il-mudell tal-MtQ dwar konsultazzjoni, kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni relatati mas-superviżjoni ta' entitajiet tal-AIFMD

## I. Kamp ta' applikazzjoni

1. Dawn il-linji gwida jistabbilixxu mudell tal-Memorandum ta' Qbil (MtQ) li għandu jiġi miftiehem bejn l-awtoritajiet superviżorji tal-UE u mhux tal-UE sabiex ikun hemm l-arranġamenti adegwati fis-seħħ dwar kooperazzjoni superviżorja kif meħtieġ mid-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Maniġers ta' Fondi ta' Investiment Alternattivi (AIFMD).

2. Dawn il-linji gwida japplikaw għall-awtoritajiet kompetenti tal-UE maħtura skont l-Artikolu 44 tal-AIFMD, u għandhom japplikaw mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-miżuri tat-Tieni Livell tal-AIFMD.

3. Dawn il-linji gwida huma mingħajr preġudizzju għall-arranġamenti eżistenti jew futuri ta' kooperazzjoni f'oqsma mhux relatati mal-AIFMD. Dawn il-linji gwida ma jipprekludux il-possibbiltà li fil-kamp ta' applikazzjoni tal-MtQ jiġi inkluż impenn mill-awtoritajiet tal-UE biex jikkooperaw ma' u jipprovdu għajnuna lill-awtoritajiet mhux tal-UE għas-superviżjoni ta' maniġers tal-UE li jqiegħdu fis-suq fondi fil-ġurisdizzjoni ta' dawn tal-aħħar.

## II. Għan

4. L-għan ta' dawn il-linji gwida huwa li jiżguraw applikazzjoni konsistenti tad-dispożizzjonijiet tal-att iddelegat adottat mill-Kummissjoni Ewropea dwar l-arranġamenti ta' kooperazzjoni superviżorja meħtieġa skont l-Artikoli 20(1)(d), 21(6)(a), 34(2), 35(11), 36(3), 37(15), 40(11) u 42(3) tal-AIFMD.

## III. Obbligi ta' konformità u rapportar

Status tal-linji gwida

5. Dan id-dokument fih linji gwida maħruġa fl-Artikolu 16 tar-Regolament tal-ESMA. Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament tal-ESMA, l-awtoritajiet kompetenti tal-UE għandhom jagħmlu kull sforz biex jikkonformaw mal-linji gwida u r-rakkomandazzjonijiet.

6. L-awtoritajiet kompetenti tal-UE għandhom jikkonformaw mal-linji gwida billi jużaw il-mudell tal-MtQ bħala punt ta' riferiment inizjali għal kull MtQ bilaterali tagħhom ma' awtoritajiet superviżorji mhux tal-UE dwar l-arranġamenti ta' kooperazzjoni meħtieġa mill-AIFMD.

Rekwiżiti ta' rapportar

7. L-awtoritajiet kompetenti tal-UE li għalihom japplikaw dawn il-linji gwida għandhom jinnotifikaw lill-ESMA dwar jekk jikkonformawx jew hux beħsiebhom jikkonformaw mal-linji gwida, bir-raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità, fi żmien xahrejn mid-data ta' pubblikazzjoni mill-ESMA lil

jose.moncada@esma.europa.eu. Fin-nuqqas ta' tweġiba sa din id-data ta' skadenza, l-awtoritajiet kompetenti jitqiesu li mhumiex konformi. Dokument mudell għan-notifiki huwa disponibbli mill-websajt tal-ESMA.

**IV. Linji gwida dwar il-mudell tal-MtQ dwar konsultazzjoni, kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni relatati mas-superviżjoni ta' entitajiet tal-AIFMD**

Skont l-Artikoli 34(3), 35(12), 36(4), 37(16), 40(12) u 42(4) tal-AIFMD l-ESMA hija intitolata tiżviluppa linji gwida biex tiddetermina l-kundizzjonijiet tal-applikazzjoni tal-miżuri tat-Tieni Livell adottati mill-Kummissjoni Ewropea dwar l-arranġamenti ta' kooperazzjoni meħtieġa fl-Artikoli 34(2), 35(11), 36(3), 37(15), 40(11) u 42(3) tal-AIFMD. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-24 ta' Novembru 2010, li jistabbilixxi l-ESMA, l-ESMA hija intitolata toħroġ linji gwida indirizzati lill-awtoritajiet kompetenti bil-għan li tistabbilixxi prattiki superviżorji konsistenti, effiċjenti u effettivi fi ħdan is-Sistema Ewropea tas-Superviżuri Finanzjarji u biex tiżgura l-applikazzjoni komuni, uniformi u konsistenti tal-liġi tal-Unjoni.

Fi *[data]*, il-Kummissjoni Ewropea adottat ir-Regolament li jissupplimenta d-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-eżenzjonijiet, il-kundizzjonijiet ġenerali għall-operat, id-depożitarji, l-ingranaġġ, it-trasparenza u s-superviżjoni. Dan ir-Regolament jitlob li l-arranġamenti ta' kooperazzjoni jkunu bil-miktub u li jipprovdu għall-iskambju ta' informazzjoni għal skopijiet superviżorji u għal skopijiet ta' infurzar; il-kapaċità li tinkiseb l-informazzjoni kollha neċessarja għat-twettiq tad-dmirijiet previsti fid-Direttiva; il-kapaċità li titwettaq spezzjoni fuq il-post meta jkun hemm bżonn għall-eżerċizzju tal-obbligi tal-awtorità kompetenti tal-UE skont l-AIFMD.

Ir-Regolament jistabbilixxi li spezzjonijiet fuq il-post għandhom isiru direttament mill-awtorità kompetenti tal-UE jew mill-awtorità kompetenti mhux tal-UE bl-għajnuna tal-awtorità kompetenti tal-UE. Barra minn hekk, u skont il-liġi nazzjonali tagħha, l-awtorità kompetenti mhux tal-UE għandha tgħin lill-awtoritajiet kompetenti tal-UE fejn ikun hemm il-ħtieġa li tiġi infurzata l-leġislazzjoni tal-UE li tkun inkisret mill-entità stabbilita fil-pajjiż mhux tal-UE.

Skont ir-Regolament, l-arranġamenti ta' kooperazzjoni għandhom jinkludu klawżola speċifika li tippermetti t-trasferiment ta' informazzjoni riċevuta minn awtorità kompetenti tal-UE minn awtorità superviżorja f'pajjiż terz lill-awtoritajiet kompetenti oħra tal-UE, lill-ESMA jew lill-BERS sabiex iwettqu d-dmirijiet tagħhom skont l-AIFMD.

Sabiex jissodisfaw l-obbligu li jkollhom l-arranġamenti ta' kooperazzjoni fis-seħħ mal-awtoritajiet rilevanti kif meħtieġ mill-Artikoli 20(1)(d), 21(6)(a), 34(1)(b), 35(2)(a), 36(1)(b), 37(7)(d), 40(2)(a) u 42(1)(b) tal-AIFMD, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiffirmaw MtQ dwar konsultazzjoni, kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni relatati mas-superviżjoni ta' entitajiet tal-AIFMD mal-awtoritajiet responsabbli għas-superviżjoni ta' dawn l-entitajiet, kif stabbilit f'dawn il-linji gwida.

Dawn il-linji gwida jistabbilixxu l-mudell ta' dak il-MtQ li għandu jservi bħala l-punt ta' riferiment inizjali għan-negozjati mal-awtoritajiet mhux tal-UE. Jista' jkun hemm bżonn li t-test tal-mudell tal-MtQ stabbilit fl-anness ta' dawn il-linji gwida jiġi addattat jew issupplimentat matul in-negozjati bilaterali bejn l-ESMA u l-awtoritajiet mhux tal-UE. Barra minn hekk, ladarba n-negozjati mal-ESMA jiġu konklużi u l-MtQ jiġi ffirmat bejn l-awtoritajiet tal-UE u mhux tal-UE, u xejn ma jżomm lill-awtoritajiet kompetenti tal-UE u mhux tal-UE milli aktar tard jidħlu f'negozjati sabiex ikomplu jespandu l-kontenut u l-kamp ta' applikazzjoni tal-MtQ lil hinn mir-rekwiżiti tal-AIFMD.

Il-MtQ għandu jkun kumplimentari għall-Memorandum ta' Qbil Multilaterali tal-IOSCO Dwar Konsultazzjoni u Kooperazzjoni u l-Iskambju ta' Informazzjoni tal-2002 (rivedut fl-2012). Dan jimplika li, sabiex jitqies li kemm l-awtorità kompetenti Ewropea u l-awtorità superviżorja mhux tal-UE għandhom fis-seħħ arranġamenti ta' kooperazzjoni kif meħtieġ mill-AIFMD, iż-żewġ awtoritajiet għandhom it-tnejn ikunu firmatarji kemm għall-MtQ stabbilit f'dawn il-linji gwida kif ukoll għall-MtQ multilaterali tal-2002 (firmatarji fl-Appendiċi A tal-MMtQ), jew għal MtQ ieħor li jipprovdi għal grad ekwivalenti ta' kooperazzjoni.

## Anness – Mudell tal-MtQ

Fid-dawl tal-globalizzazzjoni li dejjem qed tikber tas-swieq finanzjarji tad-dinja u ż-żieda fl-operat u fl-attivitajiet transkonfinali ta' Maniġers ta' fondi ta' investiment alternattivi, il-*[daħħal l-isem tal-awtorità mhux tal-UE]* u l-awtoritajiet li ġejjin:

- Autoriteit Financiële Markten (Il-Pajjiżi l-Baxxi)

- Autorité des marchés financiers (Franza)

- Bundesanstalt für Finanzdienstleistungsaufsicht (Il-Ġermanja)

- Central Bank of Ireland (l-Irlanda)

- Comissão do Mercado de Valores Mobiliários (il-Portugall)

- Comisión Nacional del Mercado de Valores (Spanja)

- Romanian National Securities Commission (Ir-Rumanija)

- Commissione Nazionale per le Società e la Borsa (l-Italja)

- Commission de Surveillance du Secteur Financier (il-Lussemburgu)

- Cyprus Securities and Exchange Commission (Ċipru)

- Czech National Bank (ir-Repubblika Ċeka)

- Finansinspektionen (l-Isvezja)

- Finanssivalvonta (il-Finlandja)

- Finanstilsynet (id-Danimarka)

- Finanšu un kapitāla tirgus komisija (il-Latvja)

- Finanzmarktaufsicht (l-Awstrija)

- Estonian Financial Supervision Authority (l-Estonja)

- Polish Financial Supervision Authority (il-Polonja)

- Financial Services Authority (ir-Renju Unit)

- Financial Supervision Commission (il-Bulgarija)

- Financial Services and Markets Authority (il-Belġju)

- Hellenic Capital Market Commission (il-Greċja)

- Bank of Lithuania (il-Litwanja)

- Malta Financial Services Authority (Malta)

- Národná banka Slovenska (ir-Repubblika Slovakka)

- Pénzügyi Szervezetek Állami Felügyelete (l-Ungerija)

- Agencija za trg vrednostnih papirjev (is-Slovenja)

- Fjármálaeftirlitið (l-Islanda)

- Finanstilsynet (in-Norveġja)

- Finanzmarktaufsicht (il-Liechtenstein)

- Awtoritajiet kompetenti oħra maħtura bħala awtoritajiet kompetenti skont l-Artikolu 44 tal-AIFMD li biħsiebhom jiffirmaw il-Memorandum.

laħqu dan il-Memorandum ta' Qbil (MtQ) dwar assistenza reċiproka fis-superviżjoni u s-sorveljanza ta' Maniġers ta' fondi ta' investiment alternattivi, id-delegati u d-depożitarji tagħhom li joperaw fuq bażi transkonfinali fil-ġurisdizzjonijiet tal-firmatarji ta' dawn il-MtQ. Permezz ta' dan il-MtQ, l-Awtoritajiet juru r-rieda tagħhom li jikkooperaw ma' xulxin sabiex jissodisfaw il-mandati regolatorji rispettivi tagħhom, partikolarment fl-oqsma tal-protezzjoni tal-investituri, it-trawwim tal-integrità finanzjarja u tas-suq, u ż-żamma tal-kunfidenza u l-istabbiltà sistemika.

## Artikolu 1. Definizzjonijiet

Għall-fini ta' dan il-MtQ:

a) "Awtorità" tfisser firmatarja ta' dan il-MtQ jew xi suċċessur.

b) "Awtorità Mitluba" tfisser l-Awtorità li ssirilha talba skont dan il-MtQ; u

c) "Awtorità Rikjedenti" tfisser l-Awtorità li tagħmel talba skont dan il-MtQ.

d) "Awtorità kompetenti tal-UE": tfisser kull awtorità maħtura fi Stat Membru tal-UE skont l-Artikolu 44 tal-AIFMD għas-superviżjoni ta' Maniġers, delegati, depożitarji u, fejn applikabbli, Fondi Koperti.[1]

e) "AIFMD" tfisser id-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar Maniġers ta' fondi ta' investiment alternattivi u li temenda d-Direttivi 2003/41/KE u 2009/65/KE u r–Regolamenti (KE) Nru 1060/2009 u (UE) Nru 1095/2010.

f) "Maniġer" tfisser persuna ġuridika li n-negozju regolari tagħha huwa li timmaniġġja Fond Kopert wieħed jew aktar skont l-AIFMD.

g) "Fond Kopert" tfisser impriża ta' investiment kollettiv, inklużi l-kompartimenti tal-investiment tagħha, li: (i) tiġbor kapital minn għadd ta' investituri, bil-għan li tinvestih skont politika definita ta' investiment għall-benefiċċju ta' dawk l-investituri; u (ii) li mhijiex UCITS;

h) "UCITS" tfisser impriża ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli awtorizzata skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2009/65/KE.

i) "Delegat" tfisser entità li Maniġer jiddelegalha l-kompitu li timmaniġġja l-portafoll jew l-immaniġġjar tar-riskju ta' Fond Kopert wieħed jew aktar immaniġġjati minnu skont l-Artikolu 20 tal-AIFMD.

j) "Depożitarju" tfisser entità maħtura biex twettaq il-funzjonijiet depożitarji ta' Fond Kopert skont l-Artikolu 21 tal-AIFMD.

k) "Jopera fuq bażi transkonfinali" tfisser is-sitwazzjonijiet li ġejjin: fejn a) Maniġers tal-UE jimmaniġġjaw Fondi Koperti mhux tal-UE, b) Maniġers tal-UE jqiegħdu Fondi Koperti mhux tal-UE fis-suq fi Stat Membru tal-UE, c) Maniġers mhux tal-UE jqiegħdu Fondi Koperti tal-UE u/mhux tal-UE fis-suq fi Stat Membru tal-UE, d) Maniġers tal-UE li jqiegħdu Fondi Koperti mhux tal-UE fis-suq fl-UE b'passaport, e) Maniġers mhux tal-UE li jimmaniġġjaw Fondi Koperti tal-UE fl-UE, f) Maniġers mhux tal-UE li jqiegħdu Fondi Koperti tal-UE fis-suq fl-UE b'passaport, g) Maniġers mhux tal-UE li jqiegħdu Fondi Koperti mhux tal-UE fis-suq fl-UE b'passaport. Sakemm ikun hemm rabta mal-attività tal-Maniġers u l-Fondi Koperti, il-MtQ ikopri wkoll delegati u depożitarji kif definit fl-ittri i) u j) ta' dan l-Artikolu.

l) "Entità Koperta" tfisser Maniġer, Fond Kopert fejn applikabbli, u, sakemm ikun hemm rabta mal-Maniġer u l-Fond Kopert, delegati u depożitarji kif definit fl-ittri i) u j) ta' dan l-Artikolu, inklużi l-persuni impjegati minn entitajiet bħal dawn.

m) "Żjara transkonfinali fuq il-post" tfisser kull żjara regolatorja minn Awtorità waħda fil-bini ta' Entità Koperta li tinstab fil-ġurisdizzjoni tal-Awtorità l-oħra, għall-fini ta' superviżjoni kontinwa.

n) "Entità Governattiva" tfisser il-Ministeru tal-Finanzi, il-Bank Ċentrali u kull awtorità prudenzjali nazzjonali oħra fil-ġurisdizzjoni tal-Awtorità rilevanti.

[1] Xi Stati Membri tal-UE għandhom aktar minn awtorità kompetenti waħda maħtura biex twettaq id-dmirijiet previsti fl-AIFMD.

o) “Awtorità Lokali” tfisser l-Awtorità li għandha Entità Koperta topera fil-ġurisdizzjoni tagħha.

p) “Sitwazzjoni ta’ Emerġenza” tfisser l-okkorrenza ta’ avveniment li materjalment jista' jfixkel il-kundizzjoni finanzjarja jew operattiva ta’ Entità Koperta, tal-investituri tal-AIF jew tas-swieq, indipendentement minn deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew skont it-tifsira tal-Artikolu 18 tar-Regolament tal-ESMA (Regolament 1095/2010/UE).

**Artikolu 2. Dispożizzjonijiet ġenerali**

1) Dan il-MTQ huwa dikjarazzjoni ta’ intenzjoni ta’ konsultazzjoni, kooperazzjoni u l-iskambju ta’ informazzjoni b’rabta mas-superviżjoni u s-sorveljanza ta’ Entitajiet Koperti li joperaw fuq bażi transkonfinali fil-ġurisdizzjonijiet tal-firmatarji, b’mod konsistenti ma’ u permess mill-liġijiet u r-rekwiżiti li jirregolaw l-Awtoritajiet. L-Awtoritajiet jantiċipaw li primarjament, il-kooperazzjoni sejra tinkiseb permezz ta’ konsultazzjonijiet kontinwi, informali u orali flimkien ma’ kooperazzjoni aktar solida, ad hoc. Id-dispożizzjonijiet ta’ dan il-MtQ huma maħsuba biex jappoġġjaw komunikazzjoni informali u orali bħal din kif ukoll iħaffu l-iskambju bil-miktub ta’ informazzjoni mhux pubblika, fejn ikun hemm bżonn.

2) Dan il-MtQ ma joħloq l-ebda obbligu legalment vinkolanti, ma jagħti l-ebda drittijiet, u lanqas ma jirbaħ fuq il-liġijiet domestiċi. Dan il-MtQ ma jagħti lill-ebda persuna d-dritt jew il-kapaċità li b’mod dirett jew indirett tikseb, trażżan, jew teskludi xi informazzjoni jew li toġġezzjona l-eżekuzzjoni ta’ talba għall-għajnuna skont dan il-MtQ.

3) Dan il-MtQ ma għandux l-għan li jillimita lil Awtorità sabiex tieħu biss dawk il-miżuri deskritti hawn fit-twettiq tal-funzjonijiet superviżorji jew ta’ sorveljanza tagħha. B’mod partikulari, dan il-MtQ ma jaffettwax xi dritt ta’ xi Awtorità li tikkomunika ma’, jew li tikseb informazzjoni jew dokumenti minn, xi persuna jew Entità Koperta soġġetti għall-ġurisdizzjoni tagħha stabbiliti fit-territorju tal-Awtorità l-oħra.

4) Dan il-MtQ jikkumplimenta, imma ma jbiddilx it-termini u l-kundizzjonijiet tal-Memorandum ta’ Qbil Multilaterali tal-IOSCO Dwar Konsultazzjoni u Kooperazzjoni u l-Iskambju ta’ Informazzjoni, li l-Awtoritajiet huma firmatarji tiegħu u li jkopri wkoll il-qsim ta’ informazzjoni fil-kuntest ta’ investigazzjonijiet ta’ infurzar; u kwalunkwe wieħed mill-arranġamenti eżistenti dwar kooperazzjoni fi kwistjonijiet ta’ titoli bejn il-firmatarji.

5) Fil-qafas ta’ dan il-MtQ, l-Awtoritajiet għandhom jipprovdu lil xulxin bl-ogħla kooperazzjoni permessa mill-liġi fir-rigward tas-superviżjoni u s-sorveljanza ta’ Entitajiet Koperti. Wara konsultazzjoni, il-kooperazzjoni tista' tiġi miċħuda:

   a) Meta l-kooperazzjoni tkun teħtieġ li awtorità taġixxi b’mod li jikser il-liġi lokali;

   b) Meta talba għall-għajnuna ma ssirx skont it-termini tal-MtQ; jew

   c) Għal raġunijiet relatati mal-interess pubbliku nazzjonali.

6) L-ebda segretezza bankarja domestika, li timblokka liġijiet jew regolamenti ma għandha twaqqaf lil Awtorità milli tipprovdi għajnuna lil Awtorità oħra.

7) Kull ċertu żmien, l-Awtoritajiet għandhom jirrevedu l-funzjonament u l-effikaċja tal-arranġamenti ta' kooperazzjoni bejn l-Awtoritajiet bil-għan li, *inter alia*, jespandu jew ibiddlu l-kamp ta' applikazzjoni jew l-operat ta' dan il-MtQ jekk jiġi deċiż li dan huwa neċessarju.

8) Biex jiffaċilitaw il-kooperazzjoni skont dan il-MtQ, hawnhekk l-Awtoritajiet jaħtru persuni ta' kuntatt kif stabbilit fl-Appendiċi A.

**Artikolu 3. Kamp ta' applikazzjoni tal-kooperazzjoni**

1) L-Awtoritajiet jirrikonoxxu l-importanza ta' komunikazzjoni mill-qrib li tirrigwarda Entitajiet Koperti, u fejn xieraq għandhom il-ħsieb li jikkonsultaw fuq livell tal-persunal dwar: (i) kwistjonijiet superviżorji ġenerali, anki fir-rigward ta' żviluppi regolatorji, ta' sorveljanza jew żviluppi fi programmi oħrajn; (ii) kwistjonijiet relevanti għall-operat, l-attivitajiet, u r-regolamentazzjoni ta' Entitajiet Koperti; u (iii) kwalunkwe oqsma oħra ta' interess superviżorju reċiproku.

2) Il-kooperazzjoni sejra tkun l-aktar utli, iżda mhux limitata, fiċ-ċirkostanzi li ġejjin fejn jistgħu jinqalgħu kwistjonijiet regolatorji:

    a) L-applikazzjoni inizjali ta' Entità Koperta għal awtorizzazzjoni, reġistrazzjoni jew eżenzjoni mir-reġistrazzjoni f'ġurisdizzjoni oħra;

    b) Is-sorveljanza kontinwa ta' Entità Koperta; jew

    c) Approvazzjonijiet regolatorji jew azzjonijiet superviżorji meħuda fir-rigward ta' Entità Koperta minn Awtorità waħda li jista' jkollhom impatt fuq l-operazzjonijiet tal-entità fil-ġurisdizzjoni l-oħra.

    d) Azzjonijiet ta' infurzar meħuda kontra Entità Koperta

3) *Notifika*. Malli jkun prattikabbli, kull Awtorità għandha tinforma lill-Awtorità l-oħra dwar

    a) Kull avveniment materjali li jista' jaffettwa ħażin lil Entità Koperta; u

    b) Azzjonijiet jew sanzjonijiet ta' infurzar jew regolatorji, inklużi r-revoka, is-sospensjoni jew il-modifika tal-liċenzji jew ir-reġistrazzjoni relevanti, li jikkonċernaw jew li huma relatati ma' Entità Koperta li, fil-fehma raġonevoli tagħha, jista' jkollhom effett materjali fuq l-Entità Koperta.

4) *Skambju ta' informazzjoni*. Biex tissupplimenta konsultazzjonijiet informali, kull Awtorità għandha l-ħsieb li tipprovdi lill-Awtorità l-oħra, fuq talba bil-miktub, b'għajnuna biex tikseb informazzjoni mhux disponibbli b'mod ieħor għall-Awtorità Rikjedenti, u, fejn ikun hemm bżonn, biex tinterpreta din l-informazzjoni sabiex l-Awtorità Rikjedenti tkun tista' tevalwa l-konformità mal-liġijiet u r-regolamenti tagħha. L-informazzjoni koperta minn dan il-paragrafu tinkludi, mingħajr limitu, informazzjoni bħal:

    a) Informazzjoni li tippermetti sabiex l-Awtorità Rikjedenti tivverifika li l-Entitajiet Koperti koperti minn dan il-MtQ ikunu konformi mal-obbligi u r-rekwiżiti relevanti tal-liġi nazzjonali tal-Awtorità Rikjedenti.

b) Informazzjoni relevanti għall-monitoraġġ u r-rispons għall-implikazzjonijiet potenzjali tal-attivitajiet ta' Maniġer individwali, jew ta' Maniġers b'mod kollettiv, għall-istabbiltà ta' istituzzjonijiet finanzjarji sistemikament relevanti u l-funzjonament ordinat tas-swieq li l-Maniġers huma attivi fihom.

c) Informazzjoni rilevanti għall-kundizzjoni finanzjarja u operattiva ta' Entità Koperta, inklużi, pereżempju, rapporti ta' riżervi kapitali, likwidità jew miżuri prudenzjali oħrajn, u proċeduri ta' kontroll intern;

d) Informazzjoni regolatorja u arkivji rilevanti li Entità Koperta hija obbligata tissottometti lill-Awtorità inklużi, pereżempju: dikjarazzjonijiet finanzjarji interim u annwali u notifiki ta' twissija bikrija;

e) Rapporti regolatorji mħejjija minn Awtorità, inklużi pereżempju: rapporti ta' eżaminazzjoni, sejbiet, jew informazzjoni meħuda minn rapporti bħal dawn dwar Entitajiet Koperti.

**Artikolu 4. Żjarat transkonfinali fuq il-post**

1) L-Awtoritajiet għandhom jiddiskutu u jilħqu ftehim dwar it-termini fir-rigward ta' żjarat transkonfinali fuq il-post, waqt li jqisu bis-sħiħ is-sovranità, il-qafas legali u l-obbligi statutorji ta' xulxin, b'mod partikulari, fid-determinazzjoni tar-rwoli u r-responsabbiltajiet rispettivi tal-Awtoritajiet. L-Awtoritajiet sejrin jaġixxu skont il-proċedura li ġejja qabel ma jagħmlu żjara transkonfinali fuq il-post.

a) L-Awtoritajiet sejrin jikkonsultaw bil-għan li jilħqu ftehim dwar iż-żmien maħsub għal kull żjara transkonfinali fuq il-post u l-kamp ta' applikazzjoni tagħha. L-awtorità lokali għandha tiddeċiedi jekk l-uffiċjali li qed jagħmlu ż-żjara għandhomx ikunu akkumpanjati mill-uffiċjali tagħha matul iż-żjara.

b) Meta tistabbilixxi l-kamp ta' applikazzjoni ta' xi żjara proposta, l-Awtorità li qed tfittex li twettaq iż-żjara għandha tagħti l-kunsiderazzjoni sħiħa u dovuta lill-attivitajiet superviżorji tal-Awtorità l-oħra u lil kull informazzjoni tqiegħdet għad-dispożizzjoni jew li tista' titqiegħed għad-dispożizzjoni minn dik l-Awtorità.

c) L-Awtoritajiet għandhom jgħinu lil xulxin fir-reviżjoni, l-interpretazzjoni u l-analiżi tal-kontenut ta' dokumenti pubbliċi u mhux pubbliċi u fil-kisba ta' informazzjoni mid-diretturi u l-maniġment superjuri ta' Entitajiet Koperti jew minn xi persuna rilevanti oħra.

**Artikolu 5. Eżekuzzjoni ta' talbiet għal assistenza**

1) Sa fejn ikun possibbli, talba għal informazzjoni bil-miktub skont l-Artikolu 3.4 għandha ssir bil-miktub, u tiġi indirizzata lill-persuna ta' kuntatt relevanti identifikata fl-Appendiċi A. Ġeneralment, talba għandha tispeċifika dawn li ġejjin:

a) L-informazzjoni mitluba mill-Awtorità Rikjedenti, inklużi mistoqsijiet speċifiċi li għandhom isiru u indikazzjoni ta' kwalunkwe sensittività dwar it-talba;

b) Deskrizzjoni fil-qosor tal-fatti li wasslu għat-talba u l-għan superviżorju li għalih l-informazzjoni qiegħda tintalab, inklużi r-regolamenti applikabbli u d-dispożizzjonijiet rilevanti fl-isfond tal-attività superviżorja; u

c) Il-perjodu ta' żmien mixtieq għat-tweġiba u, fejn xieraq, l-urġenza tagħha.

2) F'Sitwazzjonijiet ta' Emerġenza, l-Awtoritajiet sejrin jistinkaw biex jgħarrfu lil xulxin dwar is-Sitwazzjoni ta' Emerġenza u jikkomunikaw informazzjoni lil xulxin kif ikun xieraq fiċ-ċirkostanzi partikolari, billi jieħdu f'kunsiderazzjoni l-fatturi relevanti kollha , inkluż l-istatus tal-isforzi biex jindirizzaw is-Sitwazzjoni ta' Emerġenza. F'Sitwazzjonijiet ta' Emerġenza, it-talbiet għal informazzjoni jistgħu jsiru fi kwalunkwe forma, anki b'mod orali, dejjem jekk it-tali komunikazzjoni tiġi kkonfermata bil-miktub malajr kemm jista' jkun wara notifika bħal din.

**Artikolu 6. Kooperazzjoni dwar l-infurzar**

Safejn hu permess mill-liġi nazzjonali, l-Awtorità Mitluba għandha tgħin lill-Awtorità Rikjedenti fejn ikun hemm bżonn sabiex din tinforza l-AIFMD, il-miżuri ta' implimentazzjoni tagħha jew il-leġiżlazzjoni nazzjonali li jkunu nkisru minn Entità Koperta stabbilita fil-ġurisdizzjoni tagħha. B'mod partikolari u tal-inqas, l-Awtorità Mitluba għandha tipprovdi l-għajnuna tagħha lill-Awtorità Rikjedenti fis-sitwazzjonijiet li ġejjin:

(a) meta l-Awtorità Rikjedenti tkun talbet lil Entità Koperta stabbilita fil-ġurisdizzjoni tal-Awtorità Mitluba twaqqaf xi prattika li tmur kontra d-dispożizzjonijiet adottati fl-implimentazzjoni tal-AIFMD u fil-miżuri ta' implimentazzjoni tagħha;

(b) meta l-Awtorità Rikjedenti tkun talbet l-iffriżar jew is-sekwestru ta' assi ta' Fond Kopert stabbilit fil-ġurisdizzjoni tal-Awtorità Mitluba;

(c) meta l-Awtorità Rikjedenti tkun talbet il-projbizzjoni temporanja ta' attività professjonali fir-rigward ta' Entità Koperta stabbilita fil-ġurisdizzjoni tal-Awtorità Mitluba;

(d) meta l-Awtorità Rikjedenti tkun adottat xi tip ta' miżura biex tiżgura li l-Entitajiet Koperti stabbiliti fil-ġurisdizzjoni tal-Awtorità Mitluba jkomplu jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-AIFMD u mal-miżuri ta' implimentazzjoni tagħha*;*

(e) meta, fl-interess tal-investituri jew tal-pubbliku, l-Awtorità Rikjedenti tkun talbet is-sospensjoni tal-ħruġ, ir-riakkwist jew il-fidi ta' unitajiet jew ishma ta' Fondi Koperti stabbiliti fil-ġurisdizzjoni tal-Awtorità Mitluba; u

(f) meta l-Awtorità Rikjedenti tkun imponiet sanzjonijiet fuq Entità Koperta stabbilita fil-ġurisdizzjoni tal-Awtorità Mitluba bħala konsegwenza ta' ksur tar-regoli tal-AIFMD u tal-miżuri ta' implimentazzjoni tagħha.

**Artikolu 7. Użi permissibbli ta' informazzjoni.**

1) L-Awtorità Rikjedenti tista' tuża informazzjoni mhux pubblika li tkun kisbet skont dan il-MtQ għall-iskop uniku ta' superviżjoni ta' Entitajiet Koperti u biex tfittex li tiżgura konformità mal-

liġijiet jew mar-regolamenti tal-Awtorità Rikjedenti, inkluża l-evalwazzjoni u l-identifikazzjoni tar-riskju sistemiku fis-swieq finanzjarji jew ir-riskju ta' swieq diżordinati.

2) Dan il-MtQ huma maħsub biex jikkumplimenta, imma ma għandux jibdel it-termini u l-kundizzjonijiet tal-arranġamenti eżistenti bejn l-Awtoritajiet fir-rigward ta' kooperazzjoni fi kwistjonijiet ta' titoli, inkluż l-MMtQ tal-IOSCO. L-Awtoritajiet jirrikonoxxu li filwaqt li l-informazzjoni ma għandhiex tingħabar taħt dan il-MtQ għal skopijiet ta' infurzar, sussegwentement l-Awtoritajiet jistgħu jkunu jridu jużaw l-informazzjoni għal raġunijiet ta' infurzar tal-liġi. F'każijiet bħal dawn, l-użu ulterjuri tal-informazzjoni għandu jiġi rregolat mit-termini u l-kundizzjonijiet tal-MMtQ tal-IOSCO jew ta' MtQ ieħor li jipprovdi grad ekwivalenti ta' kooperazzjoni fi kwistjonijiet ta' infurzar.

**Artikolu 8. Kunfidenzjalità u l-iskambju suċċessiv ta' informazzjoni.**

1) Ħlief għal divulgazzjonijiet skont il-MtQ, inkluż l-użi permissibbli ta' informazzjoni skont il-punti preċedenti, kull Awtorità sejra żżomm bħala kunfidenzjali sal-punt permess mil-liġi dik l-informazzjoni kondiviża skont dan il-MtQ, talbiet magħmula skont dan il-MtQ, il-kontenut ta' talbiet bħal dawn, u kwalunkwe kwistjonijiet oħra li joriġinaw minn dan il-MtQ. It-termini ta' dan il-MtQ mhumiex kunfidenzjali.

2) Sa fejn ikun legalment permissibbli, l-Awtorità Rikjedenti sejra tinnotifika lill-Awtorità Mitluba dwar kull talba legalment infurzabbli minn terza persuna għal informazzjoni mhux pubblika pprovduta skont dan il-MtQ. Qabel ma tikkonforma mat-talba, l-Awtorità Rikjedenti beħsiebha tasserixxi kull eżenzjonijiet legali jew privileġġi xierqa fir-rigward ta' dik l-informazzjoni bħal din skont kif tkun disponibbli.

3) F'ċerti ċirkostanzi, u kif meħtieġ mil-liġi, jista' jkun hemm bżonn li l-Awtorità Rikjedenti taqsam informazzjoni li tkun inkisbet skont dan il-MtQ ma' Entitajiet Governattivi oħrajn fil-ġurisdizzjoni tagħha. F'dawn iċ-ċirkostanzi u sa fejn dan huwa permess mil-liġi:

    a) L-Awtorità Rikjedenti sejra tinnotifika lill-Awtorità Mitluba.

    b) Qabel ma tgħaddi l-informazzjoni, l-Awtorità Mitluba għandha tirċievi garanziji adegwati dwar l-użu u t-trattament kunfidenzjali tal-informazzjoni mill-Entità Governattiva, inklużi, kif meħtieġ, garanziji li l-informazzjoni mhijiex sejra tinqasam ma' partijiet oħra qabel ma jikseb il-kunsens minn qabel tal-Awtorità Mitluba.

4) Ħlief kif previst fil-paragrafu 2, l-Awtorità Rikjedenti għandha tikseb il-kunsens minn qabel tal-Awtorità Mitluba qabel ma tiddivulga informazzjoni mhux pubblika li tirċiviha skont dan il-MtQ lil kwalunkwe non-firmatarji ta' dan il-MtQ. Jekk ma jinkisibx kunsens mill-Awtorità Mitluba, l-Awtoritajiet jiddiskutu r-raġunijiet għaċ-ċaħda tal-approvazzjoni ta' dan l-użu u ċ-ċirkostanzi, jekk ikun hemm, li fihom jista' jitħalla jsir l-użu maħsub mill-Awtorità Rikjedenti.

5) L-Awtoritajiet jifhmu li l-qsim u d-divulgazzjoni ta' informazzjoni mhux pubblika, inkluż iżda mhux limitat għal materjal deliberattiv u konsultattiv, skont it-termini ta' dan il-MtQ, mhumiex sejrin jikkostitwixxu rinunzja ta' privileġġ jew ta' kunfidenzjalità ta' informazzjoni bħal din.

**Artikolu 9. Regoli speċjali dwar il-kondiviżjoni ulterjuri ta' informazzjoni fis-suq intern tal-UE.**

1) L-Artikolu 8 ma japplikax fil-każijiet kollha fejn l-Awtoritajiet kompetenti tal-UE jkunu meħtieġa jaqsmu informazzjoni ma' Awtoritajiet kompetenti oħra tal-UE kif definiti fl-Artikolu 1(d), il-BERS u l-ESMA fl-AIFMD. B'mod partikulari, l-Artikolu 8 ma japplikax fiċ-ċirkostanzi li ġejjin:

   a. Skont l-Artikolu 25(2) tal-AIFMD, awtorità kompetenti tal-UE jista' jkollha bżonn taqsam informazzjoni li tkun irċiviet minn awtorità mhux tal-UE ma' awtoritajiet kompetenti oħra tal-UE fejn Maniġer taħt ir-responsabbiltà tagħha jew Fond Kopert immaniġġjat minn dak il-Maniġer jista' potenzjalment jikkostitwixxi sors importanti ta' riskju kontroparti għal istituzzjoni ta' kreditu jew għal istituzzjonijiet sistemikament rilevanti fi Stati Membri oħra tal-UE.

   b. Skont l-Artikolu 50(4) tal-AIFMD, l-awtorità kompetenti tal-UE tal-Istat Membru ta' referenza ta' Maniġer mhux tal-UE[2] għandha tgħaddi l-informazzjoni li tiġi riċevuta minn awtoritajiet mhux tal-UE fir-rigward ta' dak il-Maniġer mhux tal-UE lill-awtorità kompetenti tal-Istati Membri ospitanti, kif definit fl-Artikolu 4(1)(r) tal-AIFMD.

   c. Skont l-Artikolu 53 tal-AIFMD, awtorità kompetenti tal-UE għandha tikkomunika informazzjoni lil awtoritajiet kompetenti oħrajn tal-UE, lill-BERS jew lill-ESMA, fejn dan ikun rilevanti għall-monitoraġġ u r-rispons għall-implikazzjonijiet potenzjali tal-attivitajiet tal-Maniġer individwali jew tal-Maniġers b'mod kollettiv għall-istabbiltà ta' istituzzjonijiet finanzjarji sistemikament rilevanti u l-funzjonament ordnat tas-swieq li fihom il-Maniġers jkunu attivi.

2) Fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 1, ikunu japplikaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:

   a. Skont l-Artikolu 47 (3) tal-AIFMD, l-informazzjoni kollha skambjata bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-UE, il-BERS u l-ESMA għandha titqies kunfidenzjali, ħlief fejn l-Awtorità Mitluba tiddikjara fil-ħin tal-komunikazzjoni li dik l-informazzjoni tista' tiġi ddivulgata jew fejn it-tali divulgazzjoni tkun meħtieġa għal proċedimenti legali.

   b. L-awtoritajiet kompetenti tal-UE, l-ESMA u l-BERS għandhom jużaw l-informazzjoni għall-għanijiet previsti fl-AIFMD biss u skont ir-regolamenti tat-twaqqif tal-ESMA u tal-BERS.

**Artikolu 10. Tmiem tal-MtQ; Awtoritajiet suċċessuri**

1) Jekk firmatarju jixtieq itemm il-MtQ, għandu javża lill-kontroparti bil-miktub. L-ESMA għandha tikkoordina l-azzjoni tal-awtoritajiet tal-UE f'dan ir-rigward. Kooperazzjoni skont dan il-MtQ għandha tkompli sal-iskadenza tat-30 ġurnata wara li Awtorità tavża lill-oħrajn bil-miktub. Jekk Awtorità minnhom tagħti notifika bħal din, il-kooperazzjoni għandha tkompli

[2] L-Istat Membru ta' referenza huwa l-Istat Membru tal-UE responsabbli mill-awtorizzazzjoni ta' Maniġer mhux tal-UE skont l-Artikolu 37 tal-AIFMD.

fir-rigward tat-talbiet kollha għal għajnuna li jkunu saru fil-MtQ qabel id-data effettiva ta' notifika sakemm l-Awtorità Rikjedenti ttemm il-kwistjoni li għaliha tkun intalbet l-għajnuna. Fil-każ ta' terminazzjoni ta' dan il-MtQ, l-informazzjoni miksuba skont dan il-MtQ għandha tkompli tiġi trattata bil-mod preskritt fl-Artikolu 7.

2) Fejn il-funzjonijiet rilevanti ta' firmatarju ta' dan il-MtQ jiġu trasferiti jew assenjati lil awtorità jew awtoritajiet oħra, it-termini ta' dan il-MtQ għandhom japplikaw għall-awtorità jew l-awtoritajiet suċċessuri li qegħdin iwettqu dawk il-funzjonijiet rilevanti mingħajr il-ħtieġa li jsiru xi emendi ulterjuri f'dan il-MtQ jew li s-suċċessur isir firmatarju tal-MtQ. Dan ma għandux jaffettwa d-dritt tal-awtorità suċċessur u l-kontroparti tagħha li ttemm il-MTQ kif previst hawn taħt jekk tixtieq tagħmel dan.

**Artikolu 11. Dħul fis-seħħ**

Dan il-MtQ jidħol fis-seħħ fi *[żid id-data]*.

**Firmatarji**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| *[isem tal-awtorità mhux tal-UE]* | Autoriteit Financiële Markten (Il-Pajjiżi l-Baxxi) | Autorité des marchés financiers (Franza) | Bundesanstalt für Finanzdienstleistungsaufsicht (Il-Ġermanja) | Central Bank of Ireland (l-Irlanda) |
| Comissão do Mercado de Valores Mobiliários (il-Portugall) | Comisión Nacional del Mercado de Valores (Spanja) | Romanian National Securities Commission (Ir-Rumanija) | Commissione Nazionale per le Società e la Borsa (l-Italja) | Commission de Surveillance du Secteur Financier (il-Lussemburgu) |
| Cyprus Securities and Exchange Commission (Ċipru) | Czech National Bank (ir-Repubblika Ċeka) | Finansinspektionen (l-Isvezja) | Finanssivalvonta (il-Finlandja) | Finanstilsynet (id-Danimarka) |
| Finanšu un kapitāla tirgus komisija (il-Latvja) | Finanzmarktaufsicht (l-Awstrija) | Estonian Financial Supervision Authority (l-Estonja) | Polish Financial Supervision Authority (il-Polonja) | Financial Services Authority (ir-Renju Unit) |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Financial Supervision Commission (il-Bulgarija) | Financial Services and Markets Authority (il-Belġju) | Hellenic Capital Market Commis-sion (il-Greċja) | Bank of Lithuania (il-Litwanja) | Malta Financial Services Authority (Malta) |
| Národná banka Slovenska (ir-Repubblika Slovakka) | Pénzügyi Szervezetek Állami Felügyelete (l-Ungerija) | Agencija za trg vrednostnih papirjev (is-Slovenja) | Fjármálaeftirlitið (l-Islanda) | Finanstilsynet (in-Norveġja) |
| Finanzmarktauf-sicht (Liechtenstein) | Awtoritajiet kompetenti oħra maħtura bħala awtoritajiet kompetenti skont l-Artikolu 44 tal-AIFMD | | | |

**Appendiċi A. Persuna ta' Kuntatt**

Il-persuni ta' kuntatt sejrin ikunu dawn li ġejjin:

| Awtorità | Isem il-persuna ta' kuntatt | Dettalji ta' kuntatt |
|---|---|---|
| *[isem tal-awtorità mhux tal-UE]* | | |
| AFM (Il-Pajjiżi l-Baxxi) | | |
| AMF (Franza) | | |
| BAFIN (il-Ġermanja) | | |
| CBI (l-Irlanda) | | |
| CMVM (il-Portugall) | | |
| CNB (ir-Repubblika Ċeka) | | |
| CNMV (Spanja) | | |
| CNVM (ir-Rumanija) | | |
| CONSOB (l-Italja) | | |
| CSSF (il-Lussemburgu) | | |

| | | |
|---|---|---|
| CYSEC (Ċipru) | | |
| FCMC (il-Latvja) | | |
| Finansinspektionen (l-Isvezja) | | |
| Finanssivalvonta (il-Finlandja) | | |
| Finanstilsynet (id-Danimarka) | | |
| FMA (l-Awstrija) | | |
| FSA (l-Estonja) | | |
| FSA (il-Polonja) | | |
| FSA (ir-Renju Unit) | | |
| FSC (il-Bulgarija) | | |
| FSMA (il-Belġju) | | |
| HCMC (il-Greċja) | | |
| Bank of Lithuania (il-Litwanja) | | |
| MFSA (Malta) | | |
| NBS (ir-Repubblika Slovakka) | | |
| PSZAF (l-Ungerija) | | |
| SMA (is-Slovenja) | | |
| Fjármálaeftirlitið (l-Islanda) | | |
| Finanstilsynet (in-Norveġja) | | |
| Finanzmarktaufsicht (il-Liechtenstein) | | |
| Awtoritajiet kompetenti oħra maħtura bħala awtoritajiet kompetenti skont l-Artikolu 44 tal-AIFMD | | |